MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2009

Talba Numru. 464/2009

It-Tribunal,

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici tablet hlas ta' erba' mija u hdax-il ewro u sitta u tmenin ewro centezmu (€411.86) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lis-socjeta' attrici skont *Client Contract Number* 1264 in rigward ghal servizi lilha rezi mis-socjeta' attrici u dana bejn is-sena 2007 u s-sena 2008.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu, 2009 dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-Att, dawk tal-ittra ufficjali lil banek relattiva ghall-imsemmija mandat u bl-imghax sad-datat tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx ir-risposta ghalkemm debitament notifikata izda dehret ghas-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2009 fejn xehdet bil-gurament quddiem dan it-Tribunal, fejn spjegat ir-raguni

taghha dwar il-kontumacja fil-waqt illi ammettiet it-talba izda esprimiet ix-xewqa illi thallas il-kont ratejalment.

It-Tribunal jirrileva illi spjega lill-konvenuta illi dwar il-metodu tal-hlas kellha tirranga privatament mas-socjeta’ attrici u ma kienx il-kompitu tat-Tribunal jakkroda il-metodi tal-hlas.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------